**Ministeru Għas-Saħħa**

**POŻIZZJONI TA' FOUNDATION DOCTOR FIL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Foundation Doctor fil-Ministeru għas-Saħħa.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' mhux aktar minn mija sitta u ħamsin (156) ġimgħa bħala Foundation Doctor fil-Ministeru għas-Saħħa, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra, skont il-Foundation School Reference Guide, jekk il-Foundation Doctor ikollu/ha bżonn tali estensjoni biex tlesti l-Programm tal-Foundation.

2.2 Il-Persuna fil-ħatra ta' Foundation Doctor trid issegwi programm ta' taħriġ bil-għan li ġġib il-Foundation Programme Completion Certificate (FPCC) sabiex tkun eliġibbli li tapplika għat-taħriġ tal-Basic Specialist jew tal-General Practitioner. Aktar informazzjoni fuq il-Malta Foundation Programme li hu affiljat mal-United Kingodom Foundation Programme tista' tinstab fuq http://www.fpdoctors.info.

2.3 Il-pożizzjoni ta' Foundation Doctor hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.4 Peress li l-pożizzjoni ta' Foundation Doctor, hi time-barred, tali tikkostitwixxi raġuni oġġettiva f'termini tar-Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Foundation Doctor huwa ekwivalenti għal tarġa 5 fi Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2019 huwa ta' € 23,041.34 fis-sena). Mat-tlestija ta' sena (1) servizz sodisfaċenti fil-pożizzjoni ta' Foundation Doctor, persuna fil-ħatra tipprogressa għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 li fis-sena 2019 huwa ta' €23,936 fis-sena). Foundation Trainee Specialisation Allowance ta' €2,900 fl-Ewwel Sena u €3,310 fit-Tieni Sena li jitħallsu lill-Foundation Doctor f'pagamenti ta' tlett xhur b'lura. Special Duty Allowance ta' €4,800 jitħallsu lill-Foundation Doctors li jaħdmu fuq bażi ta' roster fid-Dipartiment tal-Aċċidenti u Emergenza, l-Unita` tal-Kura Intensiva jew fiċ-Ċentri tas-Saħħa. Din l-allowance tiġi mħallsa kull kwart b'lura. Foundation Doctors li jwettqu dmirijiet f'dawn l-oqsma ma jkunux intitolati għal xift allowance.

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Foundation Doctor jinkludu li:

(a) tassisti fit-twassil ta' kura tas-saħħa fl-isptarijiet u f'ħafna settings tal-kura tas-saħħa tal-Ministeru għas-Saħħa;

(b) taħdem fid-Dipartiment rispettiv fil-Ministeru għas-Saħħa. Hi taħdem il-ħin kollu taħt is-superviżjoni tas-superjuri tagħha u tkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat;

(c) tipparteċipa f'attivitajiet akkademiċi organiżżati fi ħdan id-Dipartiment rispettiv;

(d) ttemm b'suċċess ir-rekwiżiti tal-Foundation Progamm kif speċifikat fil-Gwida ta' Referenza flimkien ma' dawk speċifikati mill-Malta Foundation School. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq il-websajt http://www.fpdoctors.info;

(e) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

(f) twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe wieħed mis-servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

**Rekwiziti tal-eligibbilta'**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.
   a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Applikazzjonijiet jiġu wkoll ikkunsidrati minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li ma jissodisfawx il-kriterji msemmija f'paragrafu 5.1(i), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafi 5.1 (ii) sa 5.3. Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) għandhom il-kapaċità li jikkomunikaw bil-Lingwa Ingliża dment li jingħata rikonoxximent xieraq lill-kandidati li għandhom ukoll il-ħila li jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija. Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża tiġi aċċettata jekk l-applikanti:

JEW

• jipprovdu prova li l-kwalifika medika primarja saret bil-Lingwa Ingliża;

JEW

• jipprovdu ċertifikat validu ta' IELTS (International English Language Testing System) fil-punteġġ medju tal-medda ta' 7.5 jew ogħla f'kull dominju.

Aktar minnhekk, qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ, il-kandidati magħżula għandhom jirnexxu kemm f'Parti 1 u 2 tal-eżami fil-Basic Medical Maltese for HealthCare Profession tal-Università ta' Malta. Min jonqos li jippreżenta, sa tmiem il-perjodu ta' prova (ie tnax-il xahar mill-ingaġġ), evidenza li għadda b'suċċess, dan jirriżulta f'terminu awtomatiku tal-kuntratt tax-xogħol. Il-kors li jwassal uffiċjalment għal dan l-eżami huwa l-kors fil-Basic Medical Maltese for HealthCare Profession immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta. Kwalunkwe spejjeż tal-assessjar tal-kors, jridu jitħallsu mill-kandidati prospettivi. Madankollu, wieħed jista' japplika għal rifużjoni ta' tali spejjeż permezz tal-Iskema tal-Edukazzjoni Kontinwa Medika (CME).

(iii) kwalifikati b'degree fil-Mediċina u l-Kirurġija mill-Università ta' Malta jew kwalunkwe kwalifika medika bażika oħra First Degree f'Livell 7 tal-MQF ta' ħames snin jew aktar minn skola medika akkreditata fi Stat Membru tal-UE skont Parti I (a) tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta) sa mhux aktar kmieni mill-1 ta' Jannar 2016, dmentli tali kandidati iridu jiksbu il-kwalifika msemmija qabel l-ingaġġ.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilita', sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-krediti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta'studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibilita' ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) (a) JEW elenkati fil-Provisional Register miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta skont l-Artikolu 11 subartikolu 3 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta);

JEW

(b) fil-każ ta' gradwati barra l-Università ta' Malta dawn għandhom jipprovdu evidenza fid-dikjarazzjoni tad-Dean imsemmija fil-paragrafu 5.1 (v) li huma jkunu eliġibbli biex jiġu kkunsidrati għar-reġistrazzjoni mill-bidu tal-Foundation Programme, dment li tali il-kandidati għandhom jiksbu ittra ta' intenzjoni mill-Kunsill Mediku ta' Malta li l-kwalifika tagħhom hija reġistrabbli u liema ittra għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni.

Aktar minnhekk, il-kandidati li rnexxew għandhom inevitabbilment jiksbu l-imsemmija reġistrazzjoni qabel l-ingaġġ. Għal faċilità ta' referenza l-websajt tal-Kunsill Mediku ta' Malta hija: https://deputyprimeminister.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/Registers.aspx

(v) jipproduċu Stqarrija tad-Dekan tal-Iskola Medika (kampjun disponibbli fuq http://www.fpdoctors.info), li hija ffirmata, datata u ttimbrata u mimlija bl-Ingliż, li tinkludi:

(a) permess biex tapplika għall-Foundation Program f'Malta;

(b) konferma li l-applikant huwa ta' good standing fl-iskola medika u meqjusa xierqa biex tipprattika l-Mediċina;

(c) klassifikazzjoni akkademika verifikabbli bid-deciles. Fejn l-informazzjoni rigward il-klassifikazzjoni akkademika hija inkonsistenti mal-grading tad-deciles jew nieqsa, allura l-punteġġ akkademiku l-aktar baxx jintuża;

(d) konferma dwar jekk il-kwalifika medika primarja (inkluża struzzjoni, eżamijiet u ammont sinifikanti ta' kuntatt kliniku mal-pazjenti) kienet/qed titwettaq bl-Ingliż;

(e) id-data mistennija tal-kwalifika, fil-każ ta' applikanti li għadhom ma kkwalifikawx.

5.3 Il-kandidati li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni sħiħa mill-Kunsill Mediku f'pajjiż barra minn Malta, għandhom ifittxu l-parir mill-Kunsill Mediku rispettiv peress li l-approvazzjoni prospettiva minn uħud mill-istituzzjonijiet ta' dak il-pajjiż tista' tkun meħtieġa. Persuni li jiggradwaw minn Skola Medika tar-Renju Unit li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni mal-Kunsill Mediku Ġenerali tar-Renju Unit qed jingħataw parir li jfittxu l-approvazzjoni bil-miktub mid-Dean tal-postgraduate qabel ma jissieħbu mal-Malta Foundation Programme. Aktar informazzjoni dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa hawn fuq tista' tkun aċċessata fuq http://fpmalta.com/page/view/1578392943.

5.4 B'addizzjoni mal-ħtiġijiet f'5.1 hawn fuq, mal-bidu tal-impjieg u t-taħriġ, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu fil-pussess taċ-Ċertifikat validu tal-Basic Life Support;

(ii) juru li fehmu u qablu mar-rekwiżiti minimi meħtieġa għat-tlestija tal-Foundation Programme billi jiffirmaw il-Foundation School Training Agreement.

5.5 Il-kandidati li jirnexxu għandhom jattendu għall-eżami mediku ta' qabel l-impjieg u investigazzjonijiet rilevanti f'Malta, ġimgħa qabel ma jieħdu l-pożizzjoni ta' Foundation Doctor. In-nuqqas ta' eżami mediku ta' qabel l-impjieg fi-ħin jirriżulta f'dewmien fil-provvista tal-liċenzja tax-xogħol u l-permess tar-residenza u konsegwentement l-ingaġġ.

5.6 L-ingaġġ ta' kandidati li għaddew b'suċċess li m'humiex ċittadini ta' Malta, jew li m'humiex ċittadini tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' ċittadini tal-Kroazja, jeħtieġu l-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol safejn dan hu meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol tiddependi fuq pre-employment health check sodisfaċenti. Jobsplus għandu jiġi kkonsultat kif meħtieġ fuq din il-kwistjoni. Fil-każ ta' kandidati li għaddew b'suċċess li m'għandhomx liċenzja tax-xogħol, l-applikazzjoni għal liċenzja tax-xogħol issir minn min iħaddem.

5.7 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.8 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.7 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.9 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recuritment.gov.mt. L-

applikant irid jiġi infurmat li hemm xi dokumenti nieqsa immedjatament wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jigi mgħarraf li konsegwentement l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkunsidrata aktar, sakemm l-applikant ma jipprovdix raġunijiet validi,li jissodisfaw lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, għalfejn tali dokumenti huma nieqsa jew se jiġu sottomessi tard. Tali ġustifikazzjoni trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq psc@gov.mt fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija aktar kmieni f'dan il-paragrafu.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proceduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni, li ser jinkludi Situational Judgement Clinical Test bil-miktub segwit b'data oħra għal intervista. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 Qed jiġi hawnhekk innutat li wara li joħroġ ir-riżultat tal-proċess tar-reklutaġġ, l-applikanti li jgħaddu jintalbu jikkonfermaw l-impenn tagħhom għall-pożizzjoni. Aktar minnhekk qed jiġi klarifikat li kandidati li jirrifjutaw din il-pożizzjoni ma jiġux ingaġġati u l-applikant li jkun imiss fuq l-ordni tal-mertu jingħata l-opportunità li jaċċetta din il-pożizzjoni. Aktar minnhekk qed jiġi nnutat li dawk il-kandidati li jirrifjutaw il-pożizzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati mill-ġdid għall-pożizzjoni biss, jekk din tkun għada vakanti, wara li l-applikanti l-oħra kollha li għaddew jkunu ġew offruti l-pożizzjoni.

7.4 L-applikanti li diġà aċċettaw il-pożizzjoni fil-Programm tal-Fondazzjoni tar-Renju Unit, ma jiġux offruti pożizzjoni tal-Programm tal-Fondazzjoni ta' Malta.

7.5 L-applikanti li jaċċettaw il-pożizzjoni iżda mhumiex preżenti biex jippermettu lilhom infushom jibdew il-programm tal-Fondazzjoni fil-jum preskritt kif ikkomunikat mill-Malta Foundation School mingħajr ebda kuntatt jew spjegazzjoni dovuta se jitilfu l-pożizzjoni u l-applikant li jkun imiss fuq l-ordni tal-mertu se tingħata l-opportunità li jaċċetta l-pożizzjoni.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

8. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171, , permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, f'format pdf, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal. Fil-kas ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-Direttur responsabbli għall-Immanigjar tan-Nies tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **nofsinhar (Central European Time) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru, 2019**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**Provvedimenti generali ohra**

9. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- eżami mediku;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Foundation School of Malta huwa http://fpmalta.com, numru tal-fax huwa +356 22992604 u l-indirizz elettroniku huwa info@fpdoctors.info.

Maureen Mahoney

Direttur Ġenerali (People Management)

Diviżjoni tal-People Management

għas-Segretarju Permanenti

Ministeru għas-Saħħa